MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tat-18 ta' Mejju, 2005

Avviz Numru. 633/2000/1

**Avviz. numru 633/00**

**Numru**

**Maltacom plc**

**Vs**

**Mario u Milda konjugi Kitcher**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih is-socjeta attrici talbet sabiex il-konvenuti jghidu l-ghaliex ma ghandhomx jkun ikkundannati li jhallsu lill-istess socjeta attrici s-somma ta' tlett mija u wiehed u sebghin lira Maltin u tmintax-il centenzmu (Lm371.18) rappresentanti ammont dovut in konnessjoni mas-servizz telefoniku bin-numru 346747 (skond kif jirrizulta mill-'statement Dok A) liema servizz gie stallat fil-fond 38, High Street, Sliema, u dana skond ma kif jidher mis-service agreement anness mal-avviz Dok B.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-avviz, tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Settembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat kif ukoll id-dokumenti annessi mal-avviz, a fol 2 u fol 3 tal-atti).

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-konvenuti (fol 7 tal-atti) u li biha eccepew bir-rispett:-

1. Illi huma bl-ebda mod ma huma responsabbli ghall-hlas tal-ammont mitlub fl-avviz stante li skond skrittura privata li ggib id-data tat-22 ta' Frar 1993 (kopja fotostatika esebita bhala dok MK1) f'paragrafu: 10, l-ammont mitlub ghandu jithallas mis-sid (Godwin Mifsud) jew mill-inkwilin (Catherine Pulvirenti).

Salv eccezzjonijiet ohra permessi mill-Ligi ma liema nota', pero' <u>ma kienx hemm anness</u> id-dokument hemm imsemmi bhala markat <u>Dok MK1</u>, liema dokument gie esebit sussegwentement kif jidher a fol 17 tal-atti.

Rat ir-rikors u digriet relattivi (a fol 22 u fol 23 tal-atti) u li bihom il-Qorti cahdet it-talba tal-konvenuti ghall-kjamata in kawza ta' Godwin Mifsud u Catherine Pulvirenti.

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet ulterjuri tal-konvenuti (fol 32 tal-atti) u li biha a bazi tax-xhieda moghtija ta' Mario Kitcher jindika l-artikolu huwa 2156(f) tal-Kodici Civili ghall-finijiet ta' preskrizzjoni

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 39.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-provi in sintesi u kif prodotti mill-partijiet, huma kif ser jinghad:-

a) Il-Prokuratur Legali Noel Scerri (fol 15 u fol 16 tal-atti) prodotti mis-socjeta attrici wara li kkonferma il-ftehim bejn is-socjeta attrici u il-konvenut, u li jinsabu a fol 3 tal-atti in rigward l-istallazzjoni u l-uzu tas-servizz ta' telefon in kwisjtoni a bazi ta' rati kummercjali, ikkonferma , ukoll, li l-ammont pretiz fl-avviz kien ghadu dovut mill-istess konvenuti, skond kif specifikat fil-prospett li jinsab a fol 2 tal-istess atti. Mill-istess prospett, jigi ntotat illi l-kontijiet relattivi jibdew mill-ewwel (1) ta' Ottubru 1994 sas-sitta (6) ta' Jannar 2000. Inoltre l-istess xhud esebixxa l-imsemmi Dok MK1, liema dokument kien inghata lilu mill-wisq abili difensur tal-konvenuti. Mill-istess dokument ossija kopja ta 'skrittura ta' lokazzjoni tal-post in kwistjoni u li ggib id-data tat-22 ta' Frar 1993, wiehed jista' jara li l-konvenuti, imkien ma jissemmew fl-istess skrittura. Inoltre x-xhud specifika illi s-servizz in kwistjoni kien "… tnehha fuq talba tal-istess Mario Kitcher matul Frar 1999 u "…ma kien hemm l-ebda talba sabiex l-istess servizz jinqaleb fuq persuna ohra". Fl-ahhar nett, ix-xhud spjega illi l-ammont imnizzel fl-istess prospett bhala dovut fis-6 ta' Jannar 2000 jirreferi ghall-ispejjes relattivi ghall-ittra ufficjali msemmija fl-avviz u presententa fil-28 ta' Settembru 1999.
b) Difatti in atti tinsab ezebita kopja legali tal-istess ittra ufficjali (fol 37 u fol 38 ibid) li giet presentata fit-28 ta' Settembru 1999, fuq di gja inghad u giet notifikata lill-konvenut fil-5 ta' Ottubru 1999.
c) Il-konvenut meta xehed (fol 29 u fol 30 tal-atti) spjega illi wara li skadew xi xahrejn mid-data ta 'meta kien kera l-istess hanut minghand Godwin Mifsud,hu kien ta' lura lill-istess persuna l-imsemmi hanut 'bil-kundizzjoni li jaqleb kollox hu fuq ismu". Difatti l-sitess Godwin Mifsud kien informah li "… kien ghamel hekk. Sussegwentement, l-istess post kien inkera lil 'certa mara' bhala 'hairdressing saloon', liema mara kienet qaltlu li kienet hallset il-kontijiet kollha relattivi ghad-dawl, ilma u telefon. Ix-xhud, fl-ahhar nett, semma illi "… il-post kwazi xejn ma uzajtu" u li "… dawn il-kontijiet mhumiex tieghi". Dwar dak kollu li xehed il-konvenut, ghandu jigi notat, pero', illi ma gab ebda prova ohra in sostenn ta' dak li xehed.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tal-azzjoni in esami skond l-artikolu 2156(f) l-istess artiklu jiffissa terminu ta' hames snin, bhala preskrizzjoni ghall-azzjonjiet dwar debiti naxxenti minn "… other causes".

Illi fil-kaz in desamina l-ammont mitlub fl-avviz jkopri perijodu li beda jiddekorri mis-6 ta' Ottubru 1994, skond kif risultanti mill-imsemmi prospett a fol 2 tal-atti. Wara li jigi premess illi dak kollu specifikat l-istess prospett ma giex, b'xi mod, kontestat, jidher mill-provi illi t-trapass tal-perijodu ta' preskrizzjoni gie interrot permezz tal-ittra ufficjali msemmija, presentata fit-28 ta' Settembru 1999 u notifikata lill-konvenut fil-5 ta'Ottubru 1999, ossija qabel ma skadew il-hames snin mis-6 ta' Ottubru 1994 u b'hekk l-eccezzjoni in esami ma tistax tigi akkolta (Dwar il-premess ara l-artikolu 2128, 2129 u 2130(1) tal-Kodici Civili). Ghalhekk l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kif proposta qed tigi michuda.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward il-meritu, ma hemm ebda dubbju illi, kif risultanti mill-ftehim a fol 3 tal-atti, l-konvenut, wara l-applikazzjoni opposta maghmula minnu kien ftiehem mas-socjeta attrici sabiex jigi stallat fil-post in kwistjoni, is-servizz ta' telephone', b'rati kummercjali, liema servizz kellu n-numru 346747. Dwar dan il-konvenut jsostni illi kien zamm, b'titolu ta' kera, l-istess post ghal madwar xahrejn biss u , skond hu, kien xolja l-kirja u irritornah lis-sid. Godwin Mifsud wara li skadew xahrejn mid-data imnizzla fl-imsemmi Dok MK1. Konsegwentement il-kontijiet in esami ma kellhomx jithallsu minnu. Pero' ghandu jigi notat illi, kif xehed il-Prokuratur Legali Noel Scerri, is-servizz ta' 'telephone' in kwisjtoni kien tnehha matul Frar tal-1999 fuq talba tal-stiess konvenut. F'dan il-perjodu, ma saret ebda talba jew mill-konvenut jew minn persuna ohra sabiex l-istess servizz jigi trasferit fuq isem haddiehor.

Ili ghalhekk il-konvenut flimkien ma martu ghandu jigi ritenut responsabbli ghal hlas tas-somma specifikata fl-avviz vis-a-vis is-socjeta attrici. Difatti il-fethim ta' kera

bejn sid il-post u terza perusna kif risultanti mill-anness Dok MK1 ghandu jigi ritenut bhala “rez inter alias acta” u l-istess ftehim ta’ lokazjoni ma ikkrea ebda legami ta’ natura guridika u fattwali bejn is-socjeta attrici u il-persuni inovuti fl-istess ftehim ta’ lokazzjoni.

Illi, ghalhekk l-eccezzjoniijet kollha sottomessi mill-konvenuti ghandhom jigu michuda waqt li t-talbiet attrici ghandhom jigu akkolti hlief ghas-somma ta’ Lm8.50 li  kif risultanti mix-xhieda tal-Prokuratur Legali Noel Scerri, ma kienx ammont dovut in konnessjoni mas-servizz in kwistjoni.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil-konvenuti sabiex jhalsu lis-socjeta attrici s-somma ta’ Lm362.68 bl-imghaxijiet legali mit-28 ta’ Settembru 1999 sad-data tal-pagament effettiv u bl-sipejjes inklusi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Settembru 1999 u tat-taxxa fuq id-drittijiet professjonali kollha kemm huma kontra l-istess konvenuti in vista li l-ammont kif milqugh gie ridott b’ammont minimu.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------